**IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI ISTURTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M (Kent)., LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Galea Scannura)**

**(Spettur Mark Galea)**

**-vs-**

**Antonio Ricci**

Illum 9 ta' Jannar 2020

Il-Qorti

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Antonio Ricci**, aktar 'il quddiem imsejjah l-estradant, sabiex dan jitregga' lura lejn Sardenja, l-Italja.

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat 7 ta' Frar 2019 kif ukoll il-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug mill-*Giudice per le indagini Preliminari presso il Tribunale di Reggio Calabria* datat 20 ta' Dicembru 2019, awtorita` gudizzjarja tal-Italja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug ukoll fl-20 ta' Dicembru 2019;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-21 ta' Dicembru 2019;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, ukoll diversament preseduta, tat-23 ta' Dicembru 2019, li permezz taghha dik il-Qorti kif preseduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess mandate ta' arrest Ewropew u baghtet l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati skond il-ligi;

Wara li semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha mressqa u prezentati fis-seduta tas-27 ta' Dicembru 2019;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet tal-31 ta' Dicembru 2019;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Dicembru 2019, din il-Qorti ddifferiet il-kaz ghas-17 ta' Jannar 2020 ghad-decizjoni;

Rat li b'digriet tas-7 ta' Jannar 2020 din il-Qorti rrikjamat il-kaz ghad-9 ta' Jannar 2020 ghad-decizjoni;

Rat in-nota ta' l-estradant tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz taghha rrinunzja ghad-difiza maghmula mid-difensuri tieghu u volontarjament jaghti l-kunsens tieghu ghat-treggija lura lejn il-pajjiz rikjedent ghall-fini tad-delitt mitlub fil-mandat ta' arrest Ewropew mahrug mill-Awtoritajiet Taljani fl-20 ta' Dicembru 2019.

Ikkunsidrat:

Illi skond il-mandat ta' arrest Ewropew mertu ta' din il-procedura, u cioe' dak tal-20 ta' Dicembru 2019, l-estradant huwa mfittex u mitlub f'Reggio Calabria, Sardenja, l-Italja, ghall-finijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali fir-rigward ta' partecipazzjoni jew assoccjazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Il-prosekuzzjoni Taljana tidentifika lill-estradant bhala l-*leader* ta' organizzazzjoni kriminali, imwaqqfa ghall-iskop ta' gbir ta' flejjes li jkunu ntlaghbu f'imhatri llegali.

Illi permezz ta' nota tas-7 ta' Jannar 2020, l-estradant ta l-kunsens tieghu ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz skedat rikjedent li hareg il-mandat ta' arrest Ewropew. Fl-istess nota, l-estradant jiccara li huwa qed jaghti l-kunsens tieghu ghat-treggija lura biss fir-rigward tal-mandat ta' arrest Ewropew mahrug fl-20 ta' Dicembru 2019 u li jikkostitwixxi l-mertu tal-proceduri odjerni, u mhux ukoll fir-rigward ta' dawk il-mandati ta' arrest Ewropej mahruga precedentement liema mandate gew ezawriti bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-14 ta' Gunju 2019 fl-ismijiet *Pulizija (Spettur Mark Galea u Spettur Robinson Mifsud) vs Antonio Ricci* (Appell Numru 138/2019).

Illi ai termini tar-regolament 11 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, gie spjegat lill-estradant l-import tar-regolament 43 ta' l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, u gie assigurat li d-

disposizzjonijiet tal-istess regolament gew osservati u mifhuma mill-estradant;

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura Reggio Calabria, Sardenja, l-Italja, u li mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini tar-Regolament 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li rat d-disposizzjonijiet tal-Ordni, l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tar-Regoalment 45 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, (Legislazzjoni Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn Reggio Calabria, l-Italja fi zmien ghaxart ijiem millum.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**